MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 584/1981/1

**Saverio Anastasi, kuratur tal-interdett Antonio Genovese nominat b'digriet tas-Sekonda Awla tal-Qorti Civili numru 322/1980 tat-12 ta' Mejju, 1980 u b'digriet tal-25 ta' Mejju 1985 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Giulietta Genovese, Mary Genovese u Mary Anastasi u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2004 l-atti gew trasfuzi f'isem Edgar Genovese, Mary armla ta' Saverio Anastasi, Marthese u Giulia ahwa Genovese bhala eredi ta' Giulietta Genovese u Silvio Anastasi, Julietta mart Mario Riolo u Alfred Anastasi bhala eredi ta' Saverio Anastasi u b'digriet tas-26 ta' Mejju 2005 tnehhew mill-kawza Giulietta Genovese u Mary Genovese**

**v.**

**Joseph Vassallo u b'digriet tad-9 ta' April 1999 gew trasfuzi l-atti fl-ismijiet ta' Carmelina armla minn Joseph Vassallo, Christopher Vassallo, Josette Vassallo u Kenneth Vassallo**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**
B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Gunju, 1981 l-atturi ppremettew: illi b'kuntratt tad-19 ta' Dicembru, 1978 in Atti n-Nutar Dottor Angelo Sammut, l-illum interdett Antonio Genovese ttrasferixxa lill-konvenut il-fond (18) tmintax bi gnien anness mieghu f'New Side Street, San Giljan bi tpartit ghall-karozza Citroen numru 51011, kopja tal-istess kuntratt gie anness mac-citazzjoni u mmarkat 'Dok A'; illi Antonio Genovese gie interdett mill-atti kollha tal-hajja Civili, u l-attur gie nominat kuratur tieghu, in forza tad-digriet tas-Sekonda Awla tal-Qorti Civili numru 322/1980 tat-12 ta' Mejju, 1980 kopja annessa mac-citazzjoni u mmarkata 'Dok B'; illi r-raguni tal-interdizzjoni kienet tezisti fil-persuna ta' Antonio Genovese, fil-gurnata tal-kuntratt fuq imsemmi li hu ghalhekk annullabbli; illi l-konvenut naqas li jersaq ghar-rexxissjoni tal-istess kuntratt nonostanti interpellazzjonijiet ufficjali.

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara null u bla effett fil-Ligi l-kuntratt li sar bejn il-konvenut u l-illum interdett Antonio Genovese fid-19 ta' Dicembru 1978 in atti Nutar Dottor Angelo Sammut u dan peress li r-raguni tal-interdizzjoni kienet gia` tezisti fil-gurnata tal-kuntratt.

2. Tordna li jsir l-opportun kuntratt ta' rexxissjoni, b'mod li l-partijiet jigu mqieghda fl-istat li kienu qabel il-kuntratt tad-19 ta' Dicembru, 1978.

3. Tinnomina Nutar biex jippublika l-Att relattiv u tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att.

4. Tinnomina kuratur ghall-eventwali kontumaci tal-konvenut fl-istess att.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' April, 1981 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-19 ta' Gunju, 1981 (fol. 10) il-konvenut eccepixxa illi l-kuntratt indikat fic-citazzjoni ghandu r-rekwiziti kollha rikjesti mill-Ligi, u ghalhekk it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

B'nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri il-konvenuti tat-28 ta' Lulju 2005 (fol. 283) eccepew:

1. Illi l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-6 ta' Frar, 2008 bil-mod segwenti:

"Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

"Tichad l-eccezzjoni li l-kuntratt indikat fic-citazzjoni kellu r-rekwiziti kollha rikjesti mil-ligi u dan minhabba l-istat mentali ta' Antonio Genovese.
"Tilqa' t-talba attrici li tiddikjara null u bla effett il-kuntratt tad-19 ta' Dicembru 1978, atti Nutar Angelo Sammut.

"Tordna li jsir l-opportun kuntratt ta' rexxissjoni b'mod li l-partijiet jigu mqieghda fl-istat li kienu qabel l-imsemmi kuntratt.

"Tinnomina lin-Nutar Dr. Maria Spiteri biex tippubblika l-att relattiv fi zmien xaharejn mil-lum.

"Tinnomina lil Dr. Veronique Dalli biex tirrapprezenta l-eventwali kontumaci.

“Tordna l-komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, lill-Arkivist, u lill-Konservatur tal-atti tan-Nutar Angelo Sammut.

“*Arbitrio boni viri* tiddikjara li in kontro kambju l-atturi ghandhom jaghtu lill-konvenut ossija aventi kawza tieghu s-somma ta’ Lm3,500.

“Spejjez tal-kawza ¾ ghall-konvenuti u ¼ ghall-atturi.”

Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

**“C. PROVI:**

“Rat id-digriet tat-28 ta’ Mejju 1982 li permezz tieghu Dr. Salvino Schembri Wismayer gie nominat bhala Perit Mediku.

“Rat ic-certifikat a fol. 18 rilaxxat minn Dr. A. Galea li ccertifika lil Anthony Genovese bhala li kien ilu jattendi d-dipartiment sa mis-6 ta’ Gunju 1974 u li kien ibati minn skizofrenija u deficjenza mentali – mard mentali ta’ natural permanenti.

“Fit-28 ta’ Mejju, 1982 gie mahtur Dr. Salvino Schembri Wismayer bhala espert mediku biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur nomine wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Peress illi l-attur Antonio Genovese miet fil-mori tal-kawza u l-espert mediku ma kellux zmien biex jaghmel ebda dijanjosi tieghu, skond il-verbal tat-2 ta’ April 2002 ma kienx hemm aktar lok tal-espert mediku. Illi b’digriet tal-15 ta’ Novembru 1982 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Joseph M. Ciappara bhala Perit Legali biex jassisti lill-Perit Mediku. Illi peress illi l-kompjant Dottor Joseph M. Ciappara ma lahaqx esplicita l-inkarigu lilu moghti, b’digriet tal-15 ta’ Gunju 1999 l-esponent gie nominat bhala Perit Legali minfloku bl-istess inkarigu.

“Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Paul (Gauci) Maistre fejn issemma li:

**““SOTTOMISSJONJIIET U KONSIDERAZZJONIJIET**

**“Preskrizzjoni:**

“F’din il-kawza l-attur qieghed jitlob lill-Qorti tiddikjara null u bla effett il-kuntratt tad-19 ta’ Dicembru 1978 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut fejn Antonio Genovese, sussegwentement gie nterdett b’digriet tas-Sekonda Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Mejju 1980, ittrasferixxa lill-konvenut il-fond numru 18 bi gnien anness mieghu fi New Street, San Giljan bi tpartit ghall-karozza Citroen numru 51011. L-azzjoni tal-attur hija bbazata fuq il-fatt illi r-raguni ghall-interdizzjoni tal-attur kienet tezisti, fil-gurnata tal-kuntratt fuq imsemmi u dan skond l-Artikolu 525 (2) tal-Kap. 12 li jghid:

““l-atti ta’ qabel l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni kienet tezisti fi zmien li saru dawk l-atti.”

“Il-konvenut isostni li l-kuntratt indikat fic-citazzjoni ghandu r-rekwiziti kollha rikjesti mil-Ligi u ghalhekk it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Inoltre, permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fit-28 ta’ Lulju, 2005, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant ikun opportun illi qabel xejn tigi deciza din l-eccezzjoni ulterjuri.

“L-Artikolu 1222 (1) tal-Kap. 16 jghid:

““Meta l-ligi f’xi kaz partikolari (ma) tistabilixxi(x) zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta’ interdizzjoni jew nuqqas ta’ eta`, taqa’ bil-preskrizzjoni gheluq sentejn.”

“Il-konvenut jargumenta li la darba l-atturi qed jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-fatt illi meta sar il-kuntratt, ir-raguni tal-interdizzjoni kienet diga` tezisti, ghaldaqstant il-perjodu ta’ sentejn ghandu jibda jghaddi minn dakinhar li tista’ tigi ezercitata l-azzjoni. Dan abbazi tal-Artikolu 2137 tal-Kodici

Civili li jghid li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha tmiss din l-azzjoni. Ghall-konvenut il-perjodu ta’ sentejn jibda jiddekorri mhux mit-12 ta’ Mejju 1980 meta gie moghti d-digriet ta’ l-interdizzjoni mis-Sekonda Awla numru 322/1980, imma mid-19 ta’ Dicembru 1978, id-data li fiha sar il-kuntratt, jew almenu meta sar jaf l-attur bil-kuntratt u cioe` xi xahar u nofs wara li sar il-kuntratt. Ghal dawn ir-ragunijiet peress illi l-kawza odjerna giet ipprezentata fit-3 ta’ Gunju 1981, ghaddew aktar minn sentejn u l-azzjoni li hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1222(1) tal-Kapitolu 16.

“Min-naha tieghu l-attur wara li jaghmel referenza ghall-Artikolu 1223 u 1224 tal-Kodici Civili jghid illi skond l-Artikolu 2124 (1) tal-Kap. 16:

““Hlief fil-kazijiet imsemmija mil-Ligi, il-preskrizzjoni ma timxix kontra minuri u interdetti.”

“Jargumenta li mid-data tad-19 ta’ Dicembru 1978 meta sar il-kuntratt, sad-data tat-12 ta’ Mejju 1980 meta nghata d-digriet formali tal-interdizzjoni tal-attur, ma ghaddewx sentejn peress illi s-sentejn ghalqu fid-19 ta’ Dicembru 1980 u cioe` hames xhur wara. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2124(1) tal-Kap. 16, il-preskrizzjoni kontra l-interdetti ma timxix u ghaldaqstant giet sospiza fit-12 ta’ Mejju 1980 qabel ma ghalqu s-sentejn.

“L-esponent japprezza s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-artikoli tal-ligi. Huwa fatt illi fil-premessi tieghu l-attur qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-fatt illi l-interdizzjoni tieghu kienet tezisti qabel ma nghata d-digriet formali tas-Sekonda Awla fit-12 ta’ Mejju 1980. Dan bir-ragun ghaliex kieku ma kienx hekk, l-azzjoni tal-attur ma tista’ qatt tirnexxi. F’dan ir-rigward ir-ragunament tal-konvenut jghamel hafna sens ghaliex il-*punto di partenza* ghandu proprju jkun dik id-data meta l-persuna in kwistjoni tkun inkapaci taghmel atti civili. Bl-istess argument pero` jista’ jigi argumentat illi jekk jigi stabbilit fil-gurnata li fih sar il-kuntratt, l-attur kien inkapaci, jsegwi li l-perjodu tal-preskrizzjoni gie sospiz minn dik il-gurnata.

“Ladarba l-ligi tipprovdi li l-atti ta’ qabel l-interdizzjoni jistghu jigu annullati jekk ir-raguni tal-interdizzjoni kienet tezisti fi zmien li saru dawk l-atti, ma jghamilx sens u jistghu jinholqu hafna dubji jekk preskrizzjoni tista’ tghaddi minn dik il-gurnata li jigi stabbilit dan il-fatt. Fl-opinjoni tal-esponent kien forsi ghalhekk illi l-legistratur fl-Artikolu 1222(1) tal-Kapitolu 16 isemmi l-preskrizzjoni ta’ sentejn fejn ikun hemm stat ta’ interdizzjoni ghall-azzjoni ta’ rexxissjoni. Dan il-perjodu ghandu jiddekorri mid-data formali li persuna tkun giet interdetta mis-Sekonda Awla tal-Qorti Civili u f’dan il-kaz mit-12 ta’ Mejju, 1980. Ghaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett illi l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ma ghandhiex tintlaqa’.

**“Mertu:**

“Fir-rigward tal-mertu, l-attur jistrieh principalment fuq ix-xhieda tal-psikjatra Dottor Abraham Galea u c-certifikat rilaxxat minnu fid-19 ta’ Jannar 1979 esebit bhala Dok A. Skond l-istess psikjatra, Anthony Genovese kien bniedem deluz, fis-sens illi kien jahseb li n-nies jghidu fuqu u kien *depressed* hafna u fl-opinjoni tieghu kien tardiv. Huwa jghid illi kien jara lill-attur Genovese kull xahar minn Gunju 1974. L-aktar parti rilevanti tax-xhieda tieghu hija meta jghid illi fl-opinjoni tieghu u mid-dijanosi li ghamillu, Genovese ma kienx kapaci jidher fuq kuntratt, jagharaf jifhem is-sinjifikat ta’ att ta’ kuntratt jew testament jew dritt ta’ vot u oggetti simili. Sostna li sa fejn jista` jghid, l-attur ma kellu qatt mumenti lucidi. Din hi konsonanti mal-*findings* tieghu li ma jistax ikun hemm mumenti lucidi li fihom l-attur jaghmel att civili. Dr. Galea jghid ukoll illi l-marda li kellu l-attur kienet tipprekludih li jaghti valutazzjoni sewwa tal-proprjeta` li kellu. L-attur jargumenta illi la darba l-psikjatra Tabib Abraham Galea kkonferma li l-inkapacita` mentali ta’ Antonio Genovese kienet diga` tezisti fl-1974, din hija sitwazzjoni koperta bl-Artikolu 525 (2) tal-Kap. 12 u ghaldaqstant m’hemmx bzonn l-interdizzjoni formali ghall-azzjoni ta’ rexxissjoni jekk ir-raguni tal-interdizzjoni kienet tezisti meta sar l-att li qed jigi impunjat.

“Il-konvenut isostni li mill-provi prodotti ma jirrizultax li Antonio Genovese fil-mument li sar il-kuntratt kien interdett jew inabilitat tant illi d-digriet li bih gie interdett mill-atti kollha tal-ligi gie moghti fis-Sekonda Awla fit-12 ta’ Mejju 1980. Il-konvenut isostni li lanqas ma jirrizulta li l-attur qed jallega li fil-mument li sar il-kuntratt, l-interdizzjoni kienet diga` tezisti, u dan abbazi tal-fatt illi Genovese ma kellux l-uzu tar-raguni kif kontemplat fl-Artikolu 968 tal-Kap. 16. Hawn jaghmel referenza ghas-sentenza **Salvatore Psaila v. Marianne Parlar et** tal-Prim Awla tal-Qrati Civili tas-6 ta’ April 1957. L-attur min-naha tieghu jirrivela li din is-sentenza tenfasizza x’jikkostitwixxi l-kapacita` naturali u dan a differenza ta’ dik Civili u f’din il-kawza hi l-inkapacita` civili li jikkontratta Antonio Genovese li trid tigi investigata. Il-konvenut jaghmel referenza ghax-xhieda tan-Nutar Angelo Sammut fejn qal illi huwa ma kien ra xejn f’Genovese li seta’ jgieghlu jahseb li dan ma kienx mentalment kapaci. Isemmi wkoll il-fatt illi skond il-konvenut Genovese ipprova l-vettura f’zewg okkazzjonijiet fi zmien ta’ tmint ijiem qabel ma sar il-kuntratt u sahansitra ha mieghu persuni biex jara l-vettura qabel ma akkwistaha. Saret referenza ghall-fatt li l-Prokuratur Legali Privitera ghamel prokura favur l-attur nomine u li l-Isqof Galea ma sab l-ebda oggezzjoni li Genovese jizzewweg u li Genovese kellu licenzja tas-sewqan. Ghar-rigward tal-prokura, l-esponent jaqbel mas-sottomissjonijiet tal-attur illi l-prokura kienet l-ahjar mezz biex tikkontrolla l-agir tal-attur qabel ma tirrikorri ghal proceduri estremi li jwasslu ghall-interdizzjoni tal-persuna. Wiehed jifhem u japprezza li familjari tal-interdett jipprovaw jevitaw kemm jista’ jkun illi juru dan il-fatt u jirrikorru ghal dawn il-proceduri.

“Sfortunatament Antonio Genovese miet fil-mori tal-kawza u l-perit mediku Dottor Salvino Schembri Wismayer, li gie appuntat fit-12 ta’ Novembru 1982, ma kellux zmien biex jaghmel ebda dijanjosi tieghu u l-inkarigu tieghu. Fil-verbal tat-2 ta’ April 1990 a fol 44 tal-process jinghad illi ma kienx hemm aktar lok tal-espert mediku. Ghaldaqstant biex jigi stabilit jekk fil-mument li gie ppublikat il-kuntratt li dwaru qed tintalab ir-rexxissjoni, kienux jezistu ragunijiet

sufficjenti li l-interdizzjoni ta’ Antonio Genovese kienitx tezisti, wiehed bilfors irid jistrieh fuq il-provi prodotti, la darba mhux possibbli li l-persuna in kwistjoni tigi ezaminata.

“L-esponent jissottometti illi ghandu jinghata certu importanza c-certifikat tal-psikjatra Dottor Abraham Galea. Testwalment dan ic-certifikat jghid:

““Niccertifika li ezaminajt lil Anthony Genovese, ta’ 33 “St. Mary” Bishop Caruana Street, Msida, li ilu jattendi f’dan id-Dipartiment sa mis-6 ta’ Gunju 1974, u sibtu jbati min Skizofrenija u Deficenza Mentali ta’ Natura Permanenti li fl-opinjoni tieghi jirrenduh inkapaci li jezercita d-drittijiet Civili tieghu.”

“Dan ic-certifikat sar fid-19 ta’ Jannar 1979 xahar wara li sar il-kuntratt in kwistjoni. Sussegwentement fit-12 ta’ Mejju 1980 bid-digriet tas-Sekonda Awla numru 322/1980 gie nterdet l-istess Antonio Genovese. Fl-opinjoni tal-esponent, ic-certifikat ta’ Dr. Galea u x-xhieda tieghu huma l-ahjar prova li seta’ jaghmel l-attur. Ma hemmx dubju illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-attur. Il-provi jridu jigu ezaminati fil-kwadru kollu tal-fatti tal-kaz u kif svolgew. Anke fil-granet tal-lum it-tpartit ta’ immobbli ma’ mobbli ghalkemm sancit mil-ligi, mhux haga komuni specjalment meta *si tratta* ta’ proprjeta` u karozza kif inhu l-kaz prezenti. Ix-xhieda prodotta mill-konvenut fl-opinjoni tal-esponent ma twassalx biex ixxejjen dak li qed jigi allegat. Ghalkemm huwa minnu li c-certifikat rilaxxat minn Dr. Abraham Galea ma sarx fid-data tal-kuntratt, dan ma jfissirx illi qabel din id-data, Antonio Genovese ma kienx fl-istess stat qabel ma gie ezaminat. Antonio Genovese kien ilu jigi nvistat snin qabel ma sar dan ic-certifikat minn Dr. Galea; il-kuntratt sar biss xahar qabel ma sar dan ic-certifikat. Pero` l-akbar konfort li jsib l-esponent huwa r-rikors pprezentat fl-1 ta’ Marzu 1979 fejn is-Sekonda Awla tal-Qorti Civili strahet fuq l-istess certifikat ta’ Dr. Galea datat 19 ta’ Jannar 1979. Ma hemmx dubju li dik il-Qorti kif ippreseduta imxiet b’reqqa u prudenza u la darba dik il-Qorti strahet fuq l-istess certifikat, li abazi tieghu sussegwentement Antonio Genovese gie legalment

interdett, l-esponent huwa moralment konvint illi fil-mument li sar il-kuntratt l-istess Antonio Genovese ma kellux il-kapacita` mentali biex jifhem u jaghmel il-kuntratt in kwistjoni.

“Fin-nota elaborata u studjata tal-abbli difensur tal-konvenut, tqajjmu punti ohra biex isostni r-ragunijiet tieghu ghaliex it-talba tal-attur noe m’ghandhiex tigi milqugha.

“Il-konvenut isostni li la darba mill-provi jirrizulta li l-karozza ma ghadhiex tezisti, ma tistax tintlaqa’ t-talba tal-attur biex tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt tad-19 ta’ Dicembru 1998, b’tali mod li l-partijiet jigu mqieghda fl-istat li kienu qabel ma sar il-kuntratt. Bhala fatt mhux kontestat mill-istess attur illi l-vettura Citroen numru 51011 ma ghadhiex tezisti ghaliex din ittiehdet mill-Pulizija u ma nstema’ xejn aktar dwarha. Dan l-istat ta’ fatt mhux ostaklu biex it-talba tal-attur ma tigix milqugha b’dan pero` illi fl-opinjoni tal-esponent il-konvenut ghandu jkun intitolat ghad-danni, ladarba mhux possibbli ghalih li jinghata lura l-vettura.

“Il-konvenut semma’ wkoll il-fatt illi l-attur naqas milli joffri lill-konvenut li jiehu lura l-vettura u fin-nuqqas li jaccetta l-istess konvenut din kellha tigi depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti. Jghid ukoll il-konvenut illi l-attur kellu l-obbligu li jiddeposita l-karozza meta giet intavolata l-kawza. Peress illi l-attur naqas li jaghmel dan, il-konvenut isostni illi l-Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici. Kif diga` inghad aktar ‘il fuq peress illi mhux possibli ghall-attur biex jirritorna l-vettura, il-konvenut ghandu jigi kompensat ghad-danni li seta’ sofra u dan ghandhom jirriflettu l-istat tal-vettura fil-mument li sar it-tpartit biex gustament il-konvenut ma jitlef xejn.

“Ghar-rigward tad-depozitu l-konvenut jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-22 ta’ Awwissu 1989 fl-ismijiet **Adrian Salomone v. Il-Maggur Hanibal Scicluna et**. L-esponent jissottometti illi l-fattispecie ta’ dak il-kaz kien kompletament differenti u ma japplikawx ghal dan il-kaz peress illi fil-kaz citat baqa’ jaghmel uzu u

naqas milli jiddepozita l-vettura li dwarha kien qed jallega li kellha difett latenti.

“Rigward il-punt l-iehor sollevat mill-konvenut illi la darba t-tpartit in kwistjoni sar matul iz-zwieg ta’ Antonio Genovese, l-attur ma jistax jitlob li jaghti lura lill-konvenut, xi haga li ma kienitx interament tal-istess Genovese, l-esponent jissottometti bir-rispett illi ma jaqbilx illi dan mhux possibbli li jsir. Dak li jinteressa lill-konvenut huwa l-oggetti li ser jircievi lura u f’dan il-kaz l-ammont ta’ kumpens li ser jircievi u mhux minghand minn ser jircivieh.

**“KONKLUZJONI**

“Ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponent jissottometti bir-rispett illi t-talba tal-attur noe ghandha tigi milqugha b’dan pero` illi l-konvenut ghandu jigi kumpensat bil-valur tal-vettura li maghha sar it-tpartit tal-immobbli u dan peress illi mhux possibbli li tigi ritornata l-istess vettura lill-konvenut peress illi din ma ghadhiex tezisti.”

**“D. KUNSIDERAZZJONIJIET:-**

**“*<u>D1. Ir-rapport tal-Perit Legali:</u>***

“Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma v. Anthony Borg** irriteniet illi:

““l-appellant jilmenta, u f’dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F’okkazjonijiet simili kien hemm gudikati ta’ din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero` tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-

kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex *ciononostante* l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz".

"[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 **Clive Simpson v. John Saliba noe et**].

"Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Vella Carmel v. Sammut Victor** (Prim Awla – Imh. P. Sciberras), deciza fit-18/2/2004 intqal:

"Issa huwa pacifiku f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha koncessa b' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara **Giswarda Bugeja et –v.- Emmanuele Muscat et**, Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967;

"Huwa minnu illi skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. "Dan pero` ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami" - "**Philip Grima –v.- Carmelo Mamo et nomine**", Appell, 29 ta' Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi "f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" -

**Benjamin Camilleri nomine –v.- Charles Debattista nomine**, Appell, 9 ta' Frar 2001."
"Fil-kawza **Champalin Company Limited v. Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad:

""Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita` sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux App. Civ. 9/2/2001 – **Camilleri v. Debattista**]. Ghalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [Kap. 12 Art. 681] , madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App. Civ. 23/6/1967 **Bugeja v. Muscat et**]."

**"*<u>D2. Preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16:</u>***

"L-ewwel aspett kunsidrat mill-Perit Legali kien dak dwar il-preskrizzjoni. Il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa dak ta' sentejn relativament ghal azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba stat ta' interdizzjoni kif jemergi mill-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16. Il-kwistjoni kienet minn meta ghandu jiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni jekk hux mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att u cioe` mid-19 ta' Dicembru 1978 jew sussegwentement minn meta gie moghti d-digriet ta' l-interdizzjoni mis-Sekonda Awla tal-Qorti Civili u cioe` mit-12 ta' Mejju 1980. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali li ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dan senjatament minhabba li kif isemmi l-Artikolu 2124(1) tal-Kap. 16 il-preskrizzjoni ma timxix kontra l-interdetti hlief fil-kazijiet imsemmija fil-ligi. Jekk it-talba finali trid tigi milqugha l-bazi ta' dan huwa l-istat mentali ta' Antonio

Genovese fil-mument li gie pubblikat il-kuntratt ta' trasferiment u jekk il-Qorti sejra tasal li dan ma kienx mentalment fi stat li jittrasferixxi mmobbli certament u bl-istess mod ma kienx fi stat li jistitwixxi kawza bir-rizultat logiku li t-terminu tal-preskrizzjoni seta' jiddekorri biss wara n-nomina ta' kuratur. Il-ligi tipprovdi ghall-annullament ghal atti maghmul mill-interdett u bl-istess mod citazzjoni li seta' jaghmel l-interdett setghet tigi anullata hi stess. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu ghall-konkluzjoni inevitabbli li t-terminu tal-preskrizzjoni jiddekorri biss mill-gurnata tan-nomina tal-kuraturi.

**"*__D3. Annullament tal-bejgh:__***

"L-azzjoni attrici hi bazata fuq il-fatt li r-raguni tal-interdizzjoni kienet tezisti fil-gurnata tal-kuntratt attakkat u dan a tenur tal-Artikolu 525(2) tal-Kap. 12. Skond ic-certifikat ta' Dr. Abraham Galea l-imsemmi Genovese kien bniedem deluz u depress u ma kienx kapaci jidher fuq kuntratt. Kawza ta' dan il-Qorti tas-Sekonda Awla kienet waslet ghall-interdizzjoni tieghu. Irrizulta li Dr. Galea kien jezamina lil Genovese mill-1974 u ghalhekk il-kuntratt sar fi zmien meta ma kienx kapaci jaghmel kuntratti. Dan iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-att imsemmi tad-19 ta' Dicembru 1978 ghandu jigi annullat.

"Jifdal il-problema li suppost il-konvenut kellu jinghata l-karozza lura liema vettura llum m'ghadhiex aktar tezisti u jkun ingust li l-Qorti thalli din il-problema. Il-valur tal-karozza fl-istat li hi llum huwa ta' xejn izda l-obbligu tal-Qorti hi li tiddikjara l-kuntratt null izda li tpoggi lill-partijiet fl-istat pristin b'tali mod u manjiera li l-konvenut jigi proprjetarju ta' karozza tal-istess valur bhal kif kienet dik il-karozza izda llum. Huwa veru li quddiem il-Qorti ma sarux provi dwar il-valur tal-vettura izda l-Qorti biex tevita aktar kawzi istitwiti u biex ma toqghodx terga' tinnomina esperti biex jaslu ghall-valur ta' tali vettura fl-1978 sejra tiddeciedi *arbitrio boni viri* tqis li tali vettura kellha valur ta' Lm3500."

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikorsipprezentat fis-26 ta' Frar, 2008, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla l-imsemmija sentenza prevja l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet tal-appellanti, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati.

L-appellata Mary Anastasi intavolat risposta fejn gie sottomess li l-aggravji dedotti mill-konvenuti appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tal-konvenuti appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**Ikkunsidrat:**

Dawn il-proceduri gew istitwiti minn kuratur ta' persuna interdetta u cioe` Antonio Genovese li, b'digriet tat-12 ta' Mejju, 1980 kien gie hekk interdett mis-Sekonda Awla tal-Qorti Civili. L-ghan tal-azzjoni hija dikjarazzjoni ta' nullita` ta' kuntratt ippubblikat fid-19 ta' Dicembru, 1978 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut li permezz tieghu l-istess Antonio Genovese ttrasferixxa lill-konvenut il-fond numru 18, bi gnien anness mieghu, f'New Side Street, San Giljan u dan bi tpartit ma' karozza Citroen numru 51011. Gie premess fic-citazzjoni li r-raguni tal-interdizzjoni tal-istess Antonio Genovese kienet tezisti fil-gurnata tal-kuntratt u konsegwentement a tenur tal-Artikolu 525(2) tal-Kap. 12 l-istess kuntratt kien annullabbli.

L-ewwel Qorti kienet hatret bhala perit legali lill-Avukat Dottor Paul Gauci Maestre li, wara li ha konjizzjoni tal-provi prodotti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wasal ghal konkluzjoni li t-talbiet attrici kienu jimmeritaw li jigu akkolti u li konsegwentement il-partijiet jergaw jitqieghdu fl-istat li kienu qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt billi l-fond trasferit jerga' jigi dikjarat li jappartjeni lil Genovese jew l-eredita` tieghu billi dan miet fil-mori tal-kawza u fl-istess hin il-konvenuti jinghataw hlas tas-somma ta' Lm3,500 bhala raprezentanti l-valur tal-vettura billi din ma kienitx ghadha

tezisti. L-ewwel Qorti ghamlet taghha dawn il-konkluzjonijiet u ghaddiet ghas-sentenza fuq riportata.

**L-aggravji tal-konvenuti appellanti.**

Il-konvenuti appellanti ressqu hames aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn jirrispekkjaw dak li kien gie sottomess quddiem l-ewwel Qorti. Dawn huma fis-sens li:

1) L-ewwel Qorti kienet skorretta meta cahdet l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni tal-azzjoni.

2) L-azzjoni ma setghetx tigi stitwita la darba rrizulta li Genovese kien zamm il-vettura fil-pussess tieghu.

3) L-azzjoni kienet monka billi l-vettura ma kienitx kollha ta' Antonio Genovese izda tifforma parti mill-komunjoni ta' akkwisti ma' martu.

4) Il-Qorti esprimiet ruhha *extra petita* meta ordnat lill-atturi li jhallsu s-somma ta' Lm3,500 billi dan ma kienx mitlub.

5) Il-Qorti ma kienitx korretta meta kkonkludiet li Genovese ma kienx mentalment kapaci fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

Dawn l-aggravji sejrin jigu trattati *seriatim*.

**Dwar il-preskrizzjoni.**

Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-azzjoni intentata mill-attur kienet perenta billi l-kawza giet intavolata aktar minn sentejn wara li gie pubblikat il-kuntratt in kwistjoni.

L-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 jiddisponi li *meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba …….. stat ta' interdizzjoni …. taqa' bil-preskrizzjoni gheluq sentejn.* L-appellanti jissottomettu li b'applikazzjoni tal-Artikolu 2137 tal-Kap. 12 din il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn dakinhar tal-kuntratt la darba din l-azzjoni setghet tigi ezercitata stante li hu previst fl-imsemmi artikolu li *ma ghandux jittiehed*

*qies tal-istat jew il-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.* Isegwi, skond l-appellanti, li rrispettivament mill-inkapacita` mentali ta' Antonio Genovese huwa kellu jagixxi ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` tal-kuntratt entro l-perjodu stabbilit mil-ligi.

Huwa pero` previst fl-Artikolu 2124 tal-Kap. 16 li *l-preskrizzjoni ma timxix kontra l-minuri u l-interdetti.* L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata abbraccat dak li jinghad f'dan l-artikolu u kkonkludiet, korrettament fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-preskrizzjoni ma bdietx tghaddi hlief wara d-digriet tal-interdizzjoni u konsegwentement l-azzjoni saret fit-terminu.

Din il-Qorti tosserva li s-sottomissjoni tal-appellant fir-rigward ma taghmilx sens u dan ghas-semplici raguni li persuna li hija inkapacitata mentalment hija prekluza milli tistitwixxi proceduri legali u dan apparti li taghmel affarijiet ohra tal-hajja civili. Isegwi li kien ikun kontro-sens li Antonio Genovese jistitwixxi proceduri legali ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-kuntratt in kwistjoni fuq il-premessa li huwa mentalment inkapaci. Fuq dik il-premessa wahedha l-azzjoni kienet tigi dikjarata insostenibbli u irritwali. Kien ghalhekk li l-legislatur haseb li jissospendi d-dekors tal-preskrizzjoni fil-kaz ta' persuni inkapaci billi dik l-azzjoni setghet tigi intavolata biss mil-kuratur li jitqabbad appositament biex jiehu hsieb l-affarijiet tal-inkapacitat. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

**Il-pussess tal-vettura.**

Qed jigi sottomess li din l-azzjoni qatt ma setghet tirnexxi billi l-vettura li giet trasferita lil Genovese ma gietx depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti biex, f'kaz ta' ezitu favorevoli, l-partijiet jitqieghdu *in status quo ante*. F'dan ir-rigward l-appellanti jaghmlu referenza ghall-sentenzi fejn din l-eccezzjoni giet akkolta meta l-azzjoni kienet tikkoncerna rexxissjoni ta' bejgh minhabba vizzju redibitorju. Biss, kif sewwa osseraw l-atturi fir-risposta taghhom, hawn qed nitkellemu dwar nullita` ta' kuntratt

minhabba vizzju tal-kunsens u ghalhekk dawn is-sentenzi huma rrilevanti.

Jigi pero` wkoll osservat li ghalkemm qed jigi allegat li Genovese zamm il-vettura, ghalkemm ma hemmx prova li huwa ghamel uzu minnha, l-istess konvenuti zammew f'idejhom u gawdew il-proprjeta` lilhom trasferita ghal dawn l-ahhar tnejn u tlettin sena. Fir-realta` dak li pprovdiet l-ewwel Qorti huwa ta' vantagg ghall-istess konvenuti billi kieku, kif qed jinsistu l-istess konvenuti, il-karozza kellha tigi depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti, wara tnejn u tlettin sena certament il-konvenuti kienu jircievu vettura jew dak li jkun fadal minnha b'valur ferm anqas minn dak li l-istess Qorti ordnat lill-atturi jhallsu ghar-*restituzio in integrum.* Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

**Dwar il-proprjeta` tal-vettura.**

Huwa minnu li l-kuntratt in kwistjoni gie pubblikat meta l-istess Antonio Genovese kien mizzewweg ma' Maria. Il-konvenuti ghalhekk jissottomettu li l-Qorti ma setghetx tordna r-restituzzjoni tal-vettura billi din, in kwantu ghan-nofs, kienet tappartjeni lill-istess Maria Genovese.

Din il-Qorti izda taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi appellati, u cioe` li gialadarba l-azzjoni giet intavolata qabel l-emendi tal-1993, li ghamlu l-presenza taz-zewg konjugi mehtiega fl-istituzzjoni ta' proceduri legali, il-htiega tal-mara f'dawn il-proceduri legali ma kienitx mehtiega u l-azzjoni setghet tigi prezentata mil-attur wahdu kif debitament rapprezentat mill-kuratur tieghu.

Oltre dan jigi rilevat li l-fond mertu tat-trasferiment in kwistjoni kien proprjeta` parafernali tal-istess Antonio Genovese u ghalhekk, anke jekk, ghal grazzja tal-argument il-vettura li giet trasferita lilu fil-kompro-vendita saret tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu, l-istess Antonio Genovese xorta baqa' kreditur kontra l-komunjoni tal-akkwisti ghall-valur tal-istess vettura. Dan il-kreditu jikkoncerna l-likwidazzjoni u qsim tal-istess komunjoni u ma jaffettwa xejn lill-konvenuti. Dan kollu qed

jinghad apparti l-fatt li tali eccezzjoni qatt ma giet sollevata formalment mill-konvenuti u strettament ma ghandhiex tigi kunsidrata minn din il-Qorti. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint ukoll.

**Extra petita.**

Qed jigi sottomess li meta l-ewwel Qorti llikwidat il-kumpens li kellu jinghata lill-konvenuti fis-somma ta' Lm3,500 bhala valur tal-vettura fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt dik l-istess Qorti kienet qed tmur oltre t-talba attrici billi kien intalab biss li, prevja id-dikjarazzjoni tan-nullita`, il-partijiet jitqieghdu fl-istat li kienu qabel. B'dan, il-konvenuti jfissru li kumpens fi flus qatt ma jista' jissostitwixxi r-ritorn tal-vettura li huma kienu ttrasferew lil Antonio Genovese.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Qabel xejn it-talba attrici hija cara u hija fis-sens li l-partijiet, f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-atturi, jergghu jitqieghdu fl-istat li kienu qabel il-kuntratt. Issa rrizulta li l-vettura trasferita mill-konvenuti ma ghadhiex tezisti; kwindi l-ewwel Qorti kienet pjenament korretta li tordna l-hlas tal-valur taghha fid-data tal-kuntratt originali. B'dan il-mod l-ewwel Qorti reget poggiet lill-konvenuti fl-istess stat li kienu qabel il-kuntratt. Kien ikun ferm differenti li kieku, wara tnejn u tlettin sena l-konvenuti kienu jinghataw lura l-istess vettura li certament ma kien jkollha ebda valur. Din il-Qorti, ghalhekk, flwaqt li ma tifhimx l-oggezzjoni tal-konvenuti f'dan ir-rigward, hija tal-fehma li dan l-aggravju mhux gustifikat.

**Il-kapacita` mentali ta' Antonio Genovese.**

Fl-ahharnett il-konvenuti jesprimu d-dizappunt taghhom li, kemm il-perit mahtur mill-Qorti, kif ukoll l-istess Qorti, strahu fuq certifikat tal-psikjatra Dr. Abraham Galea li, kif jghidu l-istess konvenuti, gie redatt wara l-fatt kontestat. Isostnu wkoll li fl-assenza ta' prova tal-inkapacita` mentali ta' Antonio Genovese fil-mument tal-kuntratt ghandha tipprevali l-presunzjoni kontemplata fl-Artikolu 967(1) tal-Kap. 16 li jiddisponi li kull persuna *tista` tikkuntratta, jekk mil-ligi mhix iddikjarata inkapaci.*

Huwa minnu li Dr. Galea irrediga certifikat mediku dwar Antonio Genovese wara li gie pubblikat il-kuntratt; b'dan kollu jirrizulta li l-istess Genovese kien pazjent ta' Dr. Galea ghal diversi snin qabel ma nhareg ic-certifikat u sahansitra qabel ma gie ppubblikat l-istess kuntratt. Kien ghalhekk dan Dr. Galea persuna kompetenti biex tesprimi ruhha dwar il-kapacita` mentali tal-pazjent u l-istess certifikat ma jhalli ebda dubju f'mohh dak li jaqrah li Genovese ma kienx kapaci u dan apparti l-fatt li huwa inkoncepibbli, kif osservat l-ewwel Qorti, li persuna f'sensiha tittrasferixxi beni mmobbli ma' vettura billi filwaqt tal-ewwel l-valur jikber bil-moghdija taz-zmien, tat-tieni l-valur jispicca fix-xejn!

Is-sottomissjoni dwar id-distinzjoni bejn *inkapacita` naturali* u *inkapacita` legali* mhux relevanti ghal kaz in ezami u dan billi dik legali tikkomprendi s-sitwazzjoni li tavvera ruhha wara li jkun hemm provvediment appozitu tas-Sekonda Awla tal-Qorti Civili. Fil-kaz in ezami dan id-digriet kien inezistenti fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv billi qed jigi allegat li dik l-inkpacita` *naturali,* minkejja li ma kien hemm ebda pronunzjament tal-Qorti, kienet pre-ezistenti ghall-istess.

Il-konvenuti jkomplu billi jaghmlu referenza ghal xi provi li, skond huma, juru li Antonio Genovese kien kapaci jikkuntratta. Issir referenza ghax-xhieda tan-Nutar, li bir-rispett kollu mhux kompetenti in materja. Issir referenza ghall-fatt li Genovese kien licenzjat u saq il-vettura u gab persuna biex tezaminaha qabel il-kuntratt. Dan pero` ma jfissirx li Genovese kien kapaci li jifhem dak li kien ser jaghmel bil-kuntratt attakkat. Intqal li huwa kien ikun akkumpanjat minn martu persuna kompetenti. Issa apparti l-fatt li jidher li Maria Genovese ma kienitx daqstant kompetenti, il-fatt fih innifsu tal-presenza taghha jindika certa inabilita` tal-istess Antonio Genovese li jikkomprendi dak li kien ser jsir u li effettivament sar. Din il-Qorti, wara li rat il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali kif ukoll dawk tal-ewwel Qorti, u r-riezaminat il-provi kollha, taqbel pjenament mal-konkluzjoni tal-istess Qorti dwar l-ezistenza tal-prova li Antonio Genovese ma kienx kapaci

jikkuntratta fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti, b'dan li t-terminu ta' xahrejn ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt opportun jibdew jghaddu mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------